- *Nuqqas ta' formatiżmu f'rikorsi kostituzzjonali*
- *Setgħa tal-Qorti li tmur ultra petita*

**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**(Sede Kostituzzjonali)**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 6 ta' Diċembru 2022**

**Rikors Nru. 647/2021 GM**

**Josephine Schiavone (ID Nru. 426855M)**

**vs**

**L-Avukat tal-Istat u Josephine Hili (ID Nru. 768938M), Rose Violet sive Vivianna Hili (ID Nru. 828847M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta' Josephine Sciavone li permezz tiegħu wara li ppremettiet illi :

1. Ir-rikorrenti hi s-sid tal-fond numru sittin (60), bl-isem 'Tilde', xi drabi wkoll msejjaħ 'Tilda', fi Triq Santa Monika ġewwa Ħal Tarxien, liema fond wasal għandha permezz ta' kuntratt ta' diviżjoni b'konsegwenza ta' wirt, datat id-9 ta' Diċembru 1989, in atti tan-Nutar Francis Micallef (Dok JS1);

2. Jirriżulta li fuq l-imsemmi fond kien ġie konċess lill-intimati b'titolu ta' subenfitewsi temporanju mill-predeċessuri tagħha fit-titolu Carmelo Falzon permezz ta' att pubbliku datat il-21 ta' Marzu 1962 in atti tan-Nutar Dottor Antonio Carbonaro (Dok JS2);

3. Kif jirriżulta mill-att surreferit il-konċessjoni subenfitewtika kienet saret għal perjodu ta' sbatax-il sena (17) dekoribbli mill-5 ta' Ġunju 1962 versu s-subċens annwu u temporanju ta' tnejn u għoxrin lira (Lm22) fis-sena u pagabbli kull tliet xhur bil-quddiem;

4. Kif appena l-konċessjoni subenfitewtika skadiet, u cioe` fil-5 ta' Ġunju 1979, l-aventi causa tal-esponenti, Angela Falzon, kienet kostretta tidħol f'relazzjoni ta' kera mal-predeċessur fit-titolu tal-inkwilini f'ammont ta' kera li kien id-doppju taċ-ċens, u cioe` erbgħa u erbgħin lira (Lm44) fis-sena u pagabbli kull tliet xhur bil-quddiem (Dok JS3);

5. Matul iż-żmien, ai termini tal-artikolu 12 tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta u bl-emendi sussegwenti, il-kirja ġiet awmentata għal mija u ħamsa u tmenin ewro (€185) fis-sena;

6. Bl-awmenti sussegwenti skont il-liġi (artikolu 1531Ċ) tal-Kodiċi Ċivili l-kera li qiegħda attwalment titħallas għoliet għal circa mitejn u sittax-il ewro (€216) fis-sena;

7. Ir-rikorrenti jsostnu illi l-konverzjoni awtomatika u arbitrarja minn enfitewsi temporanja għal titolu ta' kera, magħdud mar-rata baxxa ta' kera kif premess, huwa manifestament inġust u preġudizzjevoli għad-drittijiet propjetarji tagħhom;

8. Għalhekk, bl-applikazzjoni tal-liġi imsemmija, ir-rikorrenti ġew u għadhom qed jiġu mċaħħda mid-dritt fondamentali ta' tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħhom kif sanċiti taħt l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem.

9. Għal kull buon fini jiġi ppreċiżat illi oltre din l-azzjoni r-rikorrenti ġja għażlu li jipprevalixxu ruħhom mid-dispost tal-Artikolu 12B (Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta) di fronte l-inkwilini Hili permezz ta' rikors intavolat fil-Bord li Jirregola l-Kera sabiex jitolbu żieda fil-kera sa massimu ta' 2% tal-valur tal-fond fis-suq miftuħ. Dan pero' huwa mingħajr ebda preġudizzju u/jew rinunzja tal-jeddijiet u/jew rimedji ulterjuri li jista' jkollhom l-istess rikorrenti, *multo magis* jekk il-kera hekk awmentat jibqa' wieħed sproporzjonalment baxx.

Talbet lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-liġijiet viġenti, senjatament l-artikolu 12(2) tal-Ordinanza li Tneħħi l-Kontroll tad-Djar (Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta), hu inkonsistenti mad-dritt fundamentali tar-rikorrenti taħt l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea fir-rigward tal-fond 60, Tilde, Triq Santa Monika, Ħal Tarxien.

2. Konsegwentement tiddikjara u tiddeċiedi illi ġew vjolati d-drittijiet tar-rikorrenti taħt l-istess artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea;

3. Tillikwida kumpens xieraq, kemm in linea ta' danni pekunjarji kif ukoll dak morali, għal-leżjoni li sofrew ir-rikorrenti kif hawn fuq premess;

4. Tikkundana lill-intimati, jew min minnhom, iħallsu l-kumpens hekk likwidat lir-rikorrenti kif premess bl-imgħax legali dekoribbli mid-data tas-sentenza; u

5. Tagħti lir-rikorrenti dawk ir-rimedji oħra li jidrilha li huma xierqa fis-sitwazzjoni;

Rat ir-Risposta tal-Avukat tal-Istat li permezz tagħha eċċepixxa illi :

1. Sabiex tissokta din l-azzjoni, ir-rikorrenti **trid iġġib l-aħjar prova tat-titolu tagħha** fuq il-proprjetà in kwistjoni. Di piu`, ir-rikorrenti trid iġġib prova wkoll li din il-**kirja, hija mħarsa bl-Ordinanza li tneħħi l-Kontroll tad-Djar (Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta)**;

2. Mingħajr preġudizzju għal premess, jingħad illi r-rikorrenti ma tistax tilmenta dwar perjodi **qabel ma hi kellha titolu fuq il-proprjetà** in kwistjoni u dan minħabba li f'dak l-istadju ċertament li wieħed ma jistax jitkellem dwar possediment. Barra minn hekk, l-esponent jirrileva wkoll illi r-rikorrenti ma tistax tilmenta dwar **perjodi qabel il-5 ta' Ġunju tal-1979**[1] minħabba li f'dak iż-żmien il-kuntratt tas-sub-enfitewsi temporanja kien għadu *in vigore*;

3. Ir-rikorrenti ma tistax titlob lil din l-Onorabbli Qorti tiddeċiedi dwar allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tagħha mingħajr ma tieħu in konsiderazzjoni r-reġim legali

[1] Id-data tal-għeluq tal-perjodu tal-konċessjoni enfitewtika temporanja.

kollu fit-totalita` tiegħu skont il-liġi *in vigore* u li għalhekk dak li minnu qed tilmenta r-rikorrenti jrid jiġi eżaminat wkoll fil-kuntest tal-emendi li saru fl-2018 u fl-2021. Illi dan jingħad ukoll għaliex ir-rikorrenti ma utilizzatx ir-rimedji ordinarji disponibbli sabiex tirriprendi l-pussess tal-fond in kwistjoni jew sabiex ikollha awment fil-kera, liema nuqqas irendi din l-azzjoni intempestiva;

4. Mingħajr preġudizzju għas-suespost u fil-mertu l-esponent jirrespinġi l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet kollha tar-rikorrenti *stante* li huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt u dan għas-segwenti raġunijiet li qegħdin jiġu avvanzati mingħajr preġudizzju għal xulxin;

5. Preliminarjament u mingħajr preġudizzju għal premess, l-esponent jirrileva li r-relazzjoni ġuridika ta' bejn ir-rikorrenti u l-inkwilini intimati mhijiex regolata bil-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta u dan *ai termini* tas-subinċiż (7) tal-Artikolu 12 tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta. In fatti, fiż-żmien meta skada t-terminu konċess permezz tal-kuntratt tas-subenfitewsi temporanja, l-Artikolu 12 tal-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta kien għadu qas biss daħal fis-seħħ, u minkejja dan, fil-5 ta' Ġunju 1979 l-awtriċi tar-rikorrenti daħlet fi skrittura privata li tikkonċedi kirja ġdida minn jeddha. Għalhekk isegwi li l-azzjoni odjerna tar-rikorrenti għandha tiġi miċħuda *in toto*;

6. L-ewwel talba tar-rikorrenti mhijiex mistħoqqha għaliex mhux minnu li l-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta, partikolament l-Artikoli 12(2) tal-istess Kap. 158, jagħmilha impossibbli għaliha li tieħu lura l-post f'idejha minħabba l-obbligu tar-rilokazzjoni. Qari kontestwali ta' dawn l-artikoli mat-tifsira ta' kerrej kif misjuba fl-artikolu 2 tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta jurik li t-tiġdid tal-kirja favur il-kerrej hija miżura temporanja u mhux perpetwa. Infatti, l-Artikolu 12B tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta mhux talli ma jikkonċediex dritt ta' rilokazzjoni indefinita imma talli jipprovdi rimedju sabiex ir-rikorrenti tkun tista' tawmenta l-kirja u anki tirriprendi l-pussess tal-fond inkwistjoni[2];

7. Safejn l-azzjoni tar-rikorrenti hija mibnija fuq **l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** wkoll ma tistax tintlaqa' minħabba li skont **l-Artikolu 37 (2) (f) tal-Kostituzzjoni, ebda ħaġa f'dan l-artikolu m'għandha tinftiehem li tolqot l-għemil jew ħdim ta' xi liġi** safejn din tkun tipprovdi għat-teħid ta' pussess jew akkwist ta' proprjetà **li sseħħ fil-kuntest ta' kirja**;

8. L-ewwel u t-tieni talba tar-rikorrenti safejn mibnija fuq **l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** hija insostenibbli minħabba li f'dan il-każ l-Istat ma kiseb jew ħa l-ebda pussess ta' xi ġid li huwa tar-rikorrenti;

[2] Ara s-sentenza fl-ismijiet "Maria Fatima Vassallo vs Avukat Generali" deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-17 ta' Ġunju 2020 (129/2019).

9. Magħdud u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-esponent jeċepixxi l-inapplikabilita' tal-**Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni** u dan peress illi dan l-artikolu japplika biss f'każ ta' teħid forzuż tal-proprjetà. Illi sabiex wieħed ikun jista' jitkellem fuq teħid forzuż jew obbligatorju, persuna trid tiġi żvestita minn kull dritt li għandha fuq dik il-proprjetà, fatt li ċertament ma seħħx fil-każ odjern;

10. F'kull każ l-ewwel u t-tieni talba mhumiex siewja għaliex kemm taħt il-**Kostituzzjoni ta' Malta u kif ukoll taħt il-Konvenzjoni Ewropea**, l-Istat għandu kull jedd li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta' proprjetà skont l-interess ġenerali. F'dan is-sens huwa magħruf fil-ġurisprudenza li l-Istat igawdi minn diskrezzjoni wiesgħa sabiex jidentifika x'inhu meħtieġ fl-interess ġenerali u sabiex jistabilixxi liema huma dawk il-miżuri meħtieġa għal ħarsien tal-interess ġenerali;

11. Fil-fehma tal-esponent miżuri soċjali implimentati biex jipprovdu dar ta' abitazzjoni lin-nies fil-bżonn jaqgħu fil-kappa tal-interess ġenerali. Taħt dan il-profil l-artikoli tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta mdaħħla fis-sistema legali permezz tal-Att XXIII tal-1979, u kif emendati fl-2018 u l-2021, li huma maħsuba biex jipproteġu persuni milli jiġu mkeċċija mid-dar tal-abitazzjoni tagħhom f'għeluq it-terminu konċess lilhom fil-kuntratt tal-enfitewsi, ma jistgħux jiġu klassifikati li mhumiex leġittimi jew mhux fl-interess ġenerali. Għalhekk meta wieħed iqis li l-emendi tal-1979 kienu ġew introdotti bi skop li l-Gvern tal-ġurnata jimplimenta l-politika tiegħu soċjali u ekonomika fil-qasam tal-akkomodazzjoni, l-esponent ma jarax li l-artikoli tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta għandhom jitqiesu li jmorru kontra d-drittijiet tal-bniedem kif imħarsin **bl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea**;

12. Stabbilit li l-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta għandu għanijiet leġittimi u huwa fl-interess ġenerali, b'dana li ma hemm xejn ħażin li l-liġi Maltija tiddisponi li l-okkupant li jkun qed juża' dik id-dar bħala r-residenza tiegħu għandu jitħalla fid-dar taħt titolu ta' kera, allura din l-Onorabbli Qorti ma għandhiex tiddikjara li l-liġi tikser il-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropea u lanqas li l-kirja favur l-inkwilini għandha tiġi mwaqqfa;

13. Subordinatament u mingħajr ħsara għas-suespost dwar l-ilment marbut mal-isproporzjon fil-kera, jissokta jingħad li bil-miġja tal-Artikolu 39(4A) tal-Att X tal-2009, il-valur tal-kera ma baqgħetx togħla biss kull ħmistax-il sena, iżda kull tliet snin skont l-artikolu 1531Ċ tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Jingħad ukoll li llum, bil-miġja tal-Artikolu 12B, ir-rikorrenti għandha kull dritt li tipproċedi quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera u titlob l-iżgumbrament tal-inkwilini, jekk tali inkwilini ma ħaqqhomx il-protezzjoni li tagħtihom il-liġi, jew awment fil-kera sa massimu ta' 2% tal-valur tal-proprjetà fis-suq ħieles;

14. F'kull każ l-esponent sinċerament ma jħossx li l-kera li qiegħda titħallas fil-preżent hija xi kera daqstant sproporzjonata. Hawnhekk wieħed ma jridx jinsa li meta jkun hemm preżenti għanijiet leġittimi meħuda fl-interess pubbliku, bħalma hawn f'dan il-każ, il-kumpens dovut lis-sidien minħabba l-indħil fit-tgawdija ta' ġidhom, jiġbed lejh ammont li jkun ferm inqas mill-valur sħiħ tas-suq, u dan ukoll huwa konformi mal-ġurisprudenza tal-Qorti ta' Strasburgu;

15. Magħdud ma' dan, meta wieħed jiġi biex ikejjel il-miżien tal-proporzjonalità wieħed irid iqis ukoll li l-protezzjoni tal-kera taħt il-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta mhijiex perpetwa iżda tispiċċa mal-inkwilini u kif ukoll li t-tiswijiet kollha li jolqtu l-post imissu biss lill-inkwilini u mhux lis-sid;

16. Għalhekk meta wieħed jiżen dan kollu, il-konklużjoni hija li anke din il-parti tal-ilment tar-rikorrenti dwar in-nuqqas ta' proporzjonalità mhijiex ġustifikata għaliex ma hemm l-ebda ksur tal-liġi u b'hekk kull talba għal kumpens jew rimedju ieħor magħmula minnha mhix mistħoqqa;

17. F'kull każ u fir-rigward tal-ħames talba, minn kif inhu magħruf fil-ġurisprudenza tagħna, din l-Onorabbli Qorti mhijiex il-*forum* addattat sabiex tiddeċiedi dwar it-talba għall-iżgumbrament tal-intimati mill-imsemmija proprjetà. Konsegwentament, fil-każ li r-rikorrenti qiegħda tippretendi t-tali rimedju, din it-talba għandha tiġi miċħuda wkoll;

18. Fir-rigward tar-raba' talba, rigward l-imgħax legali, jiġi eċċepit li bħala prinċipju ġenerali, l-imgħax jibda jiddekorri minn meta l-ammont dovut ikun likwidat, kif ġie konfermat fil-ġurisprudenza nostrali, fosthom fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Lourdes Brincat vs Giuseppe Brincat et**, mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-17 ta' Marzu 2010 u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fid-29 ta' Novembru 2013;

19. Mingħajr preġudizzju l-esponent jirrileva li r-rikorrenti ma tistax toqgħod talledi b'mod wiesgħa għal xi liġijiet oħra li ma jissemgħux fit-talbiet tagħha billi tagħmel użu mill-kliem "*liġijiet viġenti*" fit-talbiet tagħha. Dan l-aġir jippreġudika l-linja difensjonali tal-esponent u għalhekk ukoll, u fi kwalunkwe każ, l-esponent qiegħed jirriżerva d-dritt li jagħmel eċċezzjonijiet ulterjuri;

20. Dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost, *dato ma non concesso* li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li kien hemm xi ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, fatt li qed jiġi kontestat, l-esponent jirrileva li fiċ-ċirkostanzi tal-każ, dikjarazzjoni ta' ksur hija suffiċjenti u ma hemmx lok għar-rimedji oħra mitluba mir-rikorrenti;

Rat ir-Risposta ta’ Josephine Hili u Rose Violet sive Vivianne li permezz tagħha eċċepew illi :

1. Preliminarjament l-esponenti m’humiex il-leġittimi kuntraditturi għat-talbiet tar-rikorrenti stante li huma dejjem ottemperaw ruħhom mal-liġi mgħoddija fl-interess pubbliku, liema liġi għadha in vigore sal-ġurnata tal-lum u barra minn hekk huma ma jistgħu jagħtu l-ebda’ rimedju għall-allegata leżjoni tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem, li *del resto* ma kkommettewx u wisq anqas m’għandhom l-ebda setgħa jew kontroll dwar il-Liġijiet li jiġu promulgati fil-pajjiż;

2. In linea preliminari wkoll, u mingħajr preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni u għall-eċċezzjonijiet kollha li jsegwu, ir-rikorrenti ċertament illi ma tistax tilmenta minn xi leżjoni tad-drittijiet fundamentali tagħha stante li hija baqgħet regolarment taċċetta l-kera illi l-esponenti baqgħu jħallsu, dan kif sejjer jiġi ppruvat fil-kors ta’ din il-kawża. Oltre dan, l-esponenti dejjem ħallsu puntwalment dak illi kien dovut minnhom legalment;

3. Preliminarjament u mingħajr preġudizzju għall-ewwel żewġ eċċezzjonijiet u għall-eċċezzjonijiet kollha li jsegwu, a bażi ta’ dak espress fl-Artikolu 12 sub-artikolu (7) tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta’ Malta, il-kirja odjerna ma tistax titqies regolata mill-Artikolu 12(2) tal-istess Kap, dan peress illi kif sottomess mir-rikorrenti fir-raba’ premessa, kif appena skadiet il-konċessjoni sub-enfitewtika, fil-5 ta’ Ġunju 1979, u għaldaqstant qabel il-21 ta’ Ġunju 1979, kien sar ftehim lokatizju bejn il-partijiet. Għalhekk, kif irriżulta fis-sentenza tal-Prim’ Awla tal-Qorti (Sede Kostituzzjonali) tas-26 ta’ Ġunju 2020, fl-ismijiet **Paul Farrugia vs. Avukat Ġenerali u Salvina Grech**, l-azzjoni odjerna hija mxekkla ladarba l-ilment kostituzzjonali huwa bbażat fuq leżjoni ta’ dritt ikkawżata minn Artikolu 12(2) Kap. 158, u għandha tiġi miċħuda *in toto*;

4. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-intimati Josephine Hili u Vivianne Hili qiegħdin jokkupaw l-fond *de quo* b’titolu validu u rikonoxxut kemm mill-Liġi kif ukoll mill-istess rikorrenti illi rrikonoxxew l-istess titolu tal-intimati għal żmien li jmur oltre d-data li istitwew dawn il-proċeduri, kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-każ, u kwindi ma tistax targumenta illi setgħet soffriet xi ksur ta’ drittijiet li jista’ jkun imputabbli lill-esponenti;

5. Mmingħajr preġudizzju għal dak ġia eċċepit l-introduzzjoni tal-Att XXIII tal-1979 kien biss immirat għall-interess pubbliku, senjatament għal skopijiet soċjali fil-qasam tal-akkomodazzjoni, u kwindi mhuwiex paċifiku li wieħed jargumenta u jallega illi r-rikorrenti soffriet ksur tad-drittijiet fundamentali tagħha, anke tenut kont illi kienet hija stess jew l-antekawża tagħha li volontarjament daħħlu f’konċessjoni enfitewtika mal-intimati aħwa Hili;

6. Mingħajr preġudizzju għall-premess, fir-rigward tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, l-esponenti jagħmlu referenza għall-istess Artikolu illi jistipula b'mod espliċitu illi persuna tista' tiġi pprivata mill-possedimenti tagħha meta dan ikun fl-interess pubbliku u l-*proviso* tal-istess Artikolu jkompli jżid illi d-dispożizzjonijiet ta' qabel m'għandhom bl-ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta' proprjeta' skont l-interess ġenerali. Għalhekk it-talbiet tar-rikorrenti jmorru kontra l-istess Artikolu illi fuqu huma qiegħdin jibbażaw il-kawża odjerna stante l-fatt illi l-Artikolu 12 tal-Kap 158 jaqa' proprju fl-ambitu tad-diskrezzjoni wiesgħa illi l-Istat igawdi fir-rigward ta' x'għandu jkun ikkunsidrat fl-interess ġenerali *o meno* u fir-rigward tal-miżuri illi għandhom jittieħdu sabiex jiġi protett l-interess ġenerali;

7. Fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti ċertament ma jistgħux jinstabu responsabbli għall-ebda ksur tad-drtittijiet fundamentali tal-bniedem fil-konfront tagħhom ai termini tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u dan peress li dan l-Artikolu japplika biss f'każ ta' teħid forzuż ta' fond.

L-Artikolu 12 tal-Kap 158 ma jikkostitwixxix teħid forzuż tal-proprjeta' jew teħid obbligatorju iżda kontroll ta' użu ta' proprjeta' fil-parametri tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea. Inoltre, il-ħsieb tal-Kostituzzjoni jorbot ukoll ma' dak li ngħad mill-Kummissjoni fi Strasbourg fil-każ **Connie Zammit and Others vs Malta** li ġiet deċiża fit-12 ta' Jannar, 1991 li stqarret li:

*"The Commission recalls the case-law of the Commission and Court which recognises that State intervention in socio-economic matters such as housing is often necessary in securing social justice and public benefit. In this area, the margin of appreciation available to a legislature in implementing social and economic policies is necessarily a wide one both with regard to the existence of a problem of public conern warranting measures of control and as to the choice of the rules for the implementation of such measures."*

8. Sabiex jirriżulta xi teħid forzuż jew obbligatorju, jeħtieġ li persuna tiġi żvestita minn kull dritt li għandha fuq il-proprjeta', filwaqt li fil-każ odjern l-istat sempliċiment irregola sitwazzjoni soċjali fl-ambitu tal-protezzjoni tal-interess ġenerali tas-soċjeta', mingħajr ma ġew ppreġudikati d-drittijiet proprjetarji tas-sid fuq il-fond indikat;

9. Mingħajr preġudizzju għal dak suespost, l-għan wara d-dispożizzjonijiet tal-Kap 158 hu li kemm jista' jkun kulħadd ikollu fejn joqgħod u li l-użu tal-proprjeta' anke privata jgħin biex dan iseħħ – dan jikkwalifika bħala interess ġenerali għal fini ta' dawn l-artikoli. Barra minn hekk, meta l-iskop pubbliku jkun wieħed soċjali, l-valur li jiġi pretiż minn sid il-fond bħala kumpens għall-użu li qed isir mill-fond ma jistax jitkejjel mal-valur li l-fond iġib fis-suq kieku jinbiegħ jew jinkera mill-ġdid f'xi mument partikolari, dment illi l-kumpens mogħti għall-kontroll tal-użu tal-proprjeta'

jkun fil-kuntest ta' liġi li jkollha għan soċjali ta' interess ġenerali (*Mellacher and Others vs Austria, 1989);*

10. Mingħajr preġudizzju għall-premess, bid-dħul tal-Att XXIV tal-2021, ir-rekwiżit ta' *unfair and excessive burden* u disproporzjonalita' neċessarji sabiex jinstab li kien hemm ksur tad-drittijiet fundamentali ai termini tal-ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni huma neqsin u dan stante illi l-kirja illi tista' tiġi ordnata permezz tad-dispożizzjonijiet tal-imsemmi att tirrifletti l-valur lokatizju fuq is-suq tal-proprjeta';

11. Mingħajr preġudizzju għall-premess, il-ġurisprudenza Ewropea hija kostanti u ċioe' li mhux kull differenza bejn il-kirja li tiġi perċepita bl-opera tal-liġi u l-kirja li wieħed jista' jispekola li jipperċepixxi fuq is-suq hija leżiva imma tali diskrepanza trid tkun waħda eċċessiva u li tikkawża żbilanċ konsiderevoli u għalhekk ma hemm l-ebda żbilanċ meta wieħed iqabbel il-valur lokatizju fl-ammont ta' 2% tal-valur fis-suq tal-proprjeta' kif indikat fl-Att XXIV tal-2021 mal-valuri lokatizji kkalkolati bil-persentaġġi fuq il-valur tal-proprjeta' mill-Periti mqabbdin mill-Qrati tagħna, kemm f'kawżi ta' natura kostituzzjonali u kif ukoll f'kawżi ta' natura ċivili, u għalhekk dan il-persentaġġ jidħol fil-parametri tad-dritt tal-istat li jilleġisla favur il-bżonnijiet soċjali tas-soċjeta';

Rat li b'verbal tagħha tat-23 ta' Novembru 2022, ħatret lill-Perit Mario Cassar sabiex jivvaluta l-valur lokatizzju tal-fond mertu ta' din il-kawża għall-perjodu bejn il-5 ta' Ġunju 1979 u d-data tal-preżentata tar-rikors.[3]

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Tekniku minnha maħtur ippreżentat fl-1 ta' Frar 2022[4] flimkien mat-tweġibiet għad-domandi in eskussjoni.[5]

Rat l-atti kollha tal-każ.

**Ikkunsidrat:**

[3] Fol 27
[4] Fol 42
[5] Fol 82

Il-fond bin-numru 60 bl-isem 'Tilde', xi drabi wkoll imsejjaħ 'Tilda' fi Triq Santa Monika, Ħal Tarxien iddevolva favur ir-rikorrenti permezz ta' kuntratt ta' diviżjoni ta' wirt datat 9 ta' Diċembru 1989 fl-atti tan-Nutar Francis Micallef.[6]

Dan il-fond ġie konċess lill-intimati b'titolu ta' subenfitewsi temporanju mill-predeċessuri tagħha fit-titolu b'att pubbliku datat 21 ta' Marzu 1962 fl-atti tan-Nutar Dottor Antonio Carbonaro għal sbatax-il sena dekoribbli mill-5 ta' Ġunju 1962 versu subċens annwu u temporanju ta' Lm22 fis-sena pagabbli kull tliet xhur bil-quddiem.[7]

Din il-konċessjoni enfitewtika skadiet fil-5 ta' Ġunju 1979 u fl-istess ġurnata, l-partijiet daħlu fi ftehim kirja permezz ta' skrittura privata bil-kera ta' Lm44 fis-sena pagabbli kull tliet xhur bil-quddiem.[8] Ir-rikorrenti tgħid illi matul iż-żmien ai termini tal-Artikolu 12 tal-Kap 158 tal-Liġijiet ta' Malta u bl-emendi sussegwenti l-kirja żdiedet għal €185 fis-sena.

L-Avukat tal-Istat jeċepixxi illi m'għandux japplika l-Kapitlu 158 tal-Liġijiet ta' Malta fil-kawża odjerna ġaladarba s-subenfitewsi temporanja skadiet fil-5 ta' Ġunju 1979 u ċjoe` qabel ma daħal fis-seħħ l-Att XXIII tal-1979 fil-21 ta' Ġunju 1979.

L-artikolu 12 sub-inċiż (7) tal-Kap 158 jgħid:

> Meta d-data tat-tmiem tal-enfitewsi tkun data qabel il-21 ta' Ġunju, 1979, id-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu għandhom japplikaw biss jekk l-enfitewta jew il-kerrej, skont il-każ, ikun għadu jokkupa d-dar bħala r-residenza ordinarja tiegħu f'dik id-data u **ma japplikawx jekk ikun qed jokkupa d-dar skont ftehim li jkun għamel wara li tkun intemmet l-enfitewsi** (enfasi miżjuda mill-Qorti).

[6] Dok JS1 a fol 5
[7] Dok JS2 a fol 13
[8] Dok JS3 a fol 15

Ġaladarba l-ante-kawża tal-partijiet daħlu minn jeddhom fi ftehim ta' kera qabel ma daħal fis-seħħ l-Att XXIII tal-1979, ir-relazzjoni ta' bejn ir-rikorrenti u l-inkwilini mhijiex regolata bil-Kap 158 tal-Liġijiet ta' Malta iżda japplika l-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta.

B'danakollu, il-proċeduri għall-ħarsien ta' jeddijiet fundamentali tal-bniedem, improprjament imsejjħin "kostituzzjonali" fil-prattika forensi tagħna, huma differenti minn dawk ta' kawżi ċivili ordinarji bejn soġġett tad-dritt privat u ieħor, u saħansitra differenti minn kawżi ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' għemil amministrattiv tal-Istat jew organi tiegħu, li, bħall-kawżi "kostituzzjonali" isiru minn soġġett tad-dritt privat kontra l-Istat. Dan għaliex kuntrarjament għat-tipi ta' kawżi l-oħrajn, kawża "kostituzzjonali" ma tinfetaħx permezz tal-proċedura ordinarja tar-Rikors Ġuramentat ikkontemplata fil-kodiċi ritwali, imma b'Rikors sempliċi.

Ir-Rikors Ġuramentat irid ikun fih għadd ta' ingridjenti, fosthom (i) dikjarazzjoni li tfisser b'mod ċar u sewwa l-oġġett tal-kawża (ii) ir-raġuni tat-talba (iii) it-talba jew talbiet (Art. 156(1) Kap 12). Jekk xi waħda minn dawn tkun nieqsa, ir-Reġistratur huwa marbut li jirrifjutah (Art. 156(7) Kap 12).

Ir-Rikors "kostituzzjonali" jrid ikollu fih (i) il-fatti li minnhom jinħoloq l-ilment b'mod konċiż u ċar (ii) isemmi d-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni jew tal-Konvenzjoni li ġew jew li x'aktarx se jiġu miksura (iii) ir-rimedju mitlub (Reg. 3(1) u (2) tal-L.S.12.09). Fin-nuqqas ta' xi wieħed minn dawn l-elementi, ir-rikors "ma jkunx null, u l-Qorti tista' f'kull każ tordna lir-rikorrent li jippreżenta...l- partikolaritajiet meħtieġa..." (Reg.3(5) ibid.).

Jidher mis-suespost li kuntrarjament għall-proċedura ordinarja, il-proċedura tar-rikors hija waħda sommarja u flessibbli. M'hemmx ġurament; biżżejjed espożizzjoni fil-qosor tal-fatti; ma hemmx bżonn tingħata r-raġuni tat-talba; ebda

difett fir-rikors ma jwassal għan-nullita`; ir-Reġistratur ma jistax iwaqqfu milli jiġi ppreżentat; il-Qorti tkun tista' ssewwih**. Ir-Reg. 3(5) ma jagħmel l-ebda limitazzjoni għas-setgħa tal-Qorti li ssewwi żball jew nuqqas, kuntrarjament għall-Art. 175 tal-Kap 12 li jiprojbixxi tibdil li jinvolvi bdil fis-sustanza tal-azzjoni jew tal-eċċezzjonijiet**. Ir-Reg. 3(5) għalhekk, billi huwa liġi speċjali, jidderoga mid-disposizzjonijiet tal-Art. 175. Reg. 7 ineħħi kull dubju f'dan ir-rigward, għaliex jgħid li d-dispożizzjonijiet tal-kodiċi ritwali japplikaw, *mutatis mutandis*, biss fin-nuqqas ta' dispożizzjoni differenti fl-istess Regoli.

Dawn id-differenzi bejn Rikors Ġuramentat u Rikors jenfasizzaw li filwaqt li tal-ewwel jifforma parti mill-proċedura ordinarja, u soġġett għar-regoli tagħha; tat-tieni jiftaħ proċedura straordinarja li fiha l-azzjoni ġiet meħlusa minn ċerti formalitajiet ritwalistiċi biex tabbraċċja u ssolvi sitwazzjonijiet li ma kinux ikkontemplati taħt il-kunċett tradizzjonali ta' drittijiet proċedurali.

Il-Qorti Kostituzzjonali, fil-kawża **Bartolo v Aġent Reġistratur tal-Qrati[9],** siltet, mid-dispożizzjonijiet tal-liġi, il-prinċipju li f'kawżi dwar ksur ta' jeddijiet fundamentali, il-Qorti għandha diskrezzjoni ferm wiesgħa tant li tista' saħansitra tiddeċiedi *ultra vires*:

> "Fi proċeduri kostituzzjonali, il-formalita` hija ridotta għall-minimu neċessarju u jiddependi kollox mid-diskrezzjoni tal-ġudikant li jkun qed jippresedi, li għandu jara li jiġu salvagwardati l-prinċipji kollha tal-ġustizzja proċedurali.
>
> "Il-ġudikant mhux marbut li joqgħod biss għal dak li jista' jkun hemm miktub mir-rikorrent għal dik li hija l-indikazzjoni preċiża tal-artikoli kostituzzjonali li jiddelineaw id-drittijiet fundamentali tiegħu ...
>
> "Il-flessibilita` proċedurali li għaliha għadha kif saret riferenza, hija illustrata mill-Kostituzzjoni stess fl-artikolu 46(2) fejn il-Qorti hija liċenzjata li "... tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq ta' kull waħda mid-disposizzjonijiet (dwar drittijiet fundamentali) li għall-

[9]Edwin Bartolo v Aġent Reġistratur tal-Qrati 15.02.1991 LXXV.i.84 Qorti Kostituzzjonali.

protezzjoni tagħhom tkun intitolata dik il-persuna.[10]

"Din il-liċenzja tawtorizza li l-Qorti li tmur *ultra petita*".

Il-ġurista Tonio Borg, jesprimi l-istess fehma:

*"The court of constitutional jurisdiction, may also provide a remedy which is not requested by applicant. Besides, it can also find a violation on a ground other than that indicated in the application. Therefore, unlike the case of civil proceedings where the ultra petita principle applies, in constitutional cases, the flexibility rule applies".*[11]

Jekk il-Qorti għandha diskrezzjoni hekk wiesgħa, *multo magis* hija ffakoltizzata tagħmel xi ħaġa ta' portata wisq inqas estensiva, billi tikkoreġi d-disposizzjoni tal-liġi li fuqha tistrieħ l-ilmentatriċi anke fl-ipotesi li din teffettwa s-sustanza tal-azzjoni jew tad-difiża. Il-Qorti Kostituzzjonali, fil-kawża msemmija, ikkonfermat sentenza tal-Qorti ta' Prim'Istanza li sabet ksur ta' disposizzjonijiet kostituzzjonali differenti minn dawk iċċitati mir-rikorrenti. F'din il-kawża, għall-kuntrarju, l-allegat ksur baqa' l-istess u ċjoe` dak tad-dritt tal-proprjeta` u ta' diskriminazzjoni. Il-fatti li taw lok għall-ilment ukoll baqgħu l-istess – it-trażżin tal-ammont tal-kera u l-prolungazzjoni tagħha għal żmien indefinittiv. Kwindi ż-żewġ elementi bażiċi rikjesti minn rikors ta' din ix-xorta – il-fatti fil-qosor u d-disposizzjoni tal-Kostituzzjoni jew tal-Konvenzjoni allegatament miksura – ġew sodisfatti u t-talba għall-bidla fir-rikors promotur ma tikkonċernahomx.

Għaldaqstant xejn m'għandu jxekkel il-Qorti milli ssib liġi oħra li setgħet kisret il-jedd fundamentali minflok dik iċċitata mir-rikorrenti.

[10] Din il-Qorti żżid li l-proviso għal Reg 2 L.S.12.09 ikompli jagħmilha ċara li l-Qorti tista' tagħti rimedju differenti minn dak mitlub mill-ilmentatur.

[11] Tonko Borg, *A Commentary on the Constitution of Malta*, paġna 244.

Mill-provi li r-rikorrenti esebiet, jirriżulta li tassew għandha dritt ta' proprjeta` fuq il-fond mertu ta' din il-kawża. Jgħodd ukoll il-perjodu rilevanti li matulu l-ante-kawża tar-rikorrenti kienu proprjetarji tal-fond *de quo* u dan skont is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali **Nutar Dottor Pierre Cassar v Avukat tal-Istat** tal-4 ta' Mejju 2022. Dan sa mhux qabel it-30 ta' April 1987 meta daħal fis-seħħ il-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta u sas-27 ta' Mejju 2021 meta daħal fis-seħħ l-Att XXIV.2021. Kif sejjer jiġi spjegat iktar 'l isfel, dan l-Att ġab bilanċ bejn id-drittijiet tas-sid u dawk tal-inkwilin.

L-inkwilini eċċepew in-nuqqas ta' leġittimazzjoni passiva. Huwa kkonsolidat fil-ġurisprudenza li l-inkwilini huma leġittimarju passiv validu fi proċeduri bħal dawn. Dan iżda ma jfissirx li għandhom ibatu spejjeż.

Il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza **Martinelli v Avukat Generali**[12] stabbiliet li "għalkemm il-Kap 69 kien emendat b'liġijiet li daħlu fis-seħħ wara l-1962 dawk il-liġijiet m'għandhomx l-effetti msemmija fil-para. (a) sa (d) tal-Art. 37(9)" (recte: Art. 47(9)) "Għalhekk l-Avukat tal-Istat sewwa qal illi l-Kap 69 kif emendat, ma jintlaqatx bl-Artiklu 37 tal-Kostituzzjoni."

L-intimat Avukat tal-Istat permezz tat-tielet u t-tlettax-il eċċezzjoni tiegħu u l-intimati Hili permezz tal-għaxar u l-ħdax-il eċċezzjoni tagħhom, jissottomettu li r-rikorrenti kellhom rimedju disponibbli u dan taħt il-liġi ordinarja (Art. 1531Ċ tal-Kap 16 u Art. xv 4A tal-Kap 69) li jiffakoltizzaw li l-kera ma teċċedix it-2% fis-sena tal-valur liberu u frank fis-suq tad-dar t'abitazzjoni. Dawn l-Artikli ġew miżjudin permezz tal-Att XXVII tal-2018 u permezz tal-Att XXIV tal-2021. Tabilħaqq tajjeb jew ħażin dawn l-artikli jippruvaw joħolqu bilanċ bejn l-inkwilin

[12] Lilian Martinelli v Avukat Generali 23.11.2020

u sid-il kera, u fil-każijiet hemm imsemmija jista' jwassal saħansitra għat-tmiem tal-kirja.

Ir-rata ta' kera fis-suq ħieles ta' bħalissa hija ġeneralment meqjusa bir-rata ta' 3.5% tal-valur kummerċjali tal-proprjeta`. L-Att XXIV.2021 jagħti d-dritt sa massimu ta' 2%. Tenut kont tal-ġurisprudenza tal-Qorti ta' Strasburgu, li l-kera li s-sid huwa intitolat għalih huwa inqas minn dik kummerċjali minħabba l-kunsiderazzjoni soċjali tal-ħarsien tal-akkomodazzjoni residenzjali, din ir-rata hija waħda ġusta u għalhekk mid-data tal-promulgazzjoni ta' dan l-Att id-disposizzjonijiet tal-liġijiet tal-kera *de quo agitur* m'għadhomx jiksru d-dritt fundamentali tat-tgawdija tal-proprjeta`. Qabel id-dħul fis-seħħ ta' dak l-Att iżda l-istorja kienet differenti u r-rikorrenti għandhom raġun fir-rigward ta' dak il-perjodu.

Din l-eċċezzjoni għalhekk għandha mis-sewwa biss wara l-promulgazzjoni tal-Att XXIV tal-2021.

L-Avukat tal-Istat jeċċepixxi li l-liġi in kwistjoni hi valida għaliex hi ta' natura soċjali fl-interess tal-ġid komuni. Filwaqt li dan huwa minnu, il-liġi tibqa' soġġetta għall-prinċipju tal-proporzjonalita`. Il-ġurisprudenza tal-Qorti ta' Strasburgu stabbiliet tlett indaġnijiet li jridu jsiru biex jiġi stabbilit jekk l-indħil tal-Istat huwiex permessibbli a tenur tal-Ewwel Artiklu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea:

(1) il-miżura tkun saret taħt qafas legali.
(2) l-iskop tagħha kien leġittimu.
(3) iżżomm bilanċ ġust u proporzjonat bejn l-għan soċjali u l-ħtieġa li jiġu rispettati d-drittijiet fundamentali tas-sidien.

M'hemmx dubju li l-liġi *de quo* tissodisfa l-ewwel żewġ elementi. Mhux l-istess iżda jista' jingħad dwar it-tielet element.

L-Ewwel Artiklu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni jaqra hekk:

> "Kull persuna naturali jew persuna morali għandha dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha. Ħadd ma għandu jiġi pprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku u bla ħsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali."

Għalhekk il-Protokoll jawtorizza ndħil fit-tgawdija tal-proprjeta` fl-interess pubbliku. Iżda safejn jista' jasal dan l-indħil? Fejn jitqiegħed is-sinjal l-aħmar? Il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tal-Jeddijiet tal-Bniedem daħħlet il-kunċett ta' bilanċ bejn it-tgawdija tal-proprjeta` u l-interess pubbliku. Il-Qorti trid tistabbilixxi jekk is-sid kellux iġorr piż sproporzjonat u eċċessiv,[13] billi teżamina l-interessi kollha involuti; mhux biss il-kundizzjonijiet tal-kirja u l-entita` tal-indħil tal-Istat fil-liberta` tal-kuntratt u fir-relazzjonijiet kuntrattwali fis-suq tal-kirjiet, imma wkoll l-eżistenza ta' salvagwardji proċedurali li jassiguraw li l-operazzjoni tas-sistema u l-impatt tagħha fuq id-drittijiet proprjetarji la tkun arbitrarja u l-anqas imprevedibbli. L-inċertezza, sew leġislattiva, sew amministrattiva jew minn prattiċi tal-awtoritajiet, hija fattur ewlieni li jittieħed in kunsiderazzjoni fil-ġudizzju dwar il-kondotta tal-Istat.[14]

Kif inhu paċifikament stabbilit, il-proporzjon m'għandux ikun mal-valur tal-kirjiet fis-suq ħieles, imma mal-valur tagħhom tenut kont tal-interess soċjali. Ġaladarba l-obbligu tal-Istat huwa li jżomm bilanċ bejn l-interess privat ta'

---

[13] James & Others, Amato Gauci v. Malta.

[14] Immobiliare Saffi v Italy, GC no. 22774/93,§54, ECHR -1999-V, and Broniowski, §151; Attard & Zammit Cassar v Malta, Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem 30.07.2015.

massimazzjoni tal-isfruttament tal-proprjeta` privata u l-ħtieġa tal-Istat li jipprovdi l-akkomodazzjoni soċjali, loġikament il-kumpens li tipprovdi Qorti f'Sede Kostituzzjonali m'għandux ikun allaċċjat mas-suq ħieles, imma jrid ikun ittemperat skont dan il-bilanċ.

Minn din il-qagħda, l-Qorti tikkonkludi li l-liġijiet viġenti imponew fuq l-atturi piż sproporzjonat u eċċessiv għal ħafna snin, u li l-Istat naqas milli jibbilanċja l-interess ġenerali mal-interess tagħhom.

Ma saritx talba speċifika fir-rikors promotur innifsu biex hija tikkunsidra l-iżgumbrament tal-intimati mill-post. B'danakollu hemm talba ġenerika, li ġiet opposta mill-Avukat tal-Istat.

Kif ingħad fil-każ **Josephine Azzopardi pro et noe vs L-Onorevoli Prim Ministru et**[15] il-proċeduri kostituzzjonali mhumiex il-forum addattat sabiex jiġi deċiż jekk inkwilin għandux jiġi żgumbrat jew le. Din il-vertenza tispetta lill-qrati ordinarja jew lill-Bord li Jirregola l-Kera skont il-każ. Dak li huwa rilevanti hija l-konsiderazzjoni li, fil-każ li jinstab li liġi hija vjolattiva tad-drittijiet fundamentali ta' xi parti, dik il-liġi ma tistax tibqa' tingħata effett bejn il-partijiet kemm-il darba u sakemm l-applikazzjoni tagħha tkun leżiva għad-drittijiet fundamentali ta' dik il-parti.

Skont stima magħmula mill-perit tekniku, il-valur fis-suq miftuħ tal-fond *de quo* huwa ta' €240,000. Il-valur lokatizju tal-fond mis-sena 1987 sa 2021 tela' minn €817 għal €8,400.

[15] Deċiż fis-27 ta' Ġunju 2017 (Rik 96/2014).

Fid-deċiżjoni riċenti tal-Qorti Ewropea, **Cauchi vs Malta** tal-25 ta' Marzu 2021 intqal li l-kumpens jista' jonqos b'xi 30% minħabba l-għan leġittimu wara l-protezzjoni u 20% tnaqqis ieħor minħabba l-inċertezza dwar kemm il-proprjeta` kienet ser tkun mikrija għall-perjodu kollu. Il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat sentenza tal-Ewwel Qorti[16] fejn naqqset 35% u mhux 30% minħabba interess ġenerali. Żiedet tgħid illi m'għandu jkun hemm l-ebda tnaqqis ieħor minħabba li l-atturi baqgħu passivi għall-perjodu twil:

> *"12. Din il-Qorti kemm-il darba għamlitha ċara li l-fatt waħdu li sidien il-kera jkunu damu s-snin qabel ma fittxew rimedju, m'huwiex rilevanti għall-finijiet tal-kumpens pekunjarju (ara per eżempju sentenza John Pace v. Avukat tal-Istat et tat-28 ta' Jannar 2021), u li semmai jista' jkollu konsegwenza biss fil-każ ta' kumpens non-pekunjarju."*[17]

Bħala konsegwenza tal-fatt li l-Istat kiser id-drittijiet tal-atturi kif sanċiti mill-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll ta' Konvenzjoni Ewropea, l-Istat għandu jħallas danni morali kif ukoll danni pekunjarji. Il-Qorti qiegħda tistabbilixxi li l-intimat Avukat tal-Istat għandu jħallas lir-rikorrenti kumpens pekunjarju li jammonta għal tlieta u ħamsin elf ewro (€53,000). Dan l-ammont inħadem konformement mal-prinċipji suesposti kif ġej:

[16] Fl-istess ismijiet deċiża fid-29.10.2020 PA – JZM.
[17] Sammut Carmel sive Charles et v Dimech Maria Stella et – 26.05.2021 – QK.

€109,776 - €4,752.78 = €105,023.22

€105,023.22– 35% = €68,265.09

€68,265.09– 20% = €54,612.07 – **€54,000**

Id-dannu morali ġej minn ksur tal-jedd ta' proprjetà huwa anqas gravi minn dak ġej minn ksur ta' jeddijiet marbuta mal-ħajja jew mal-personalità, u għalhekk il-Qorti sejra tillikwidahom fis-somma ta' €1,000.

| MIS-SENA | SAS-SENA | VALUR LOKATIZZJU | KERA MĦALLSA |
|---|---|---|---|
| | | | |
| 1987 | 1988 | (€817 x 2) **€1,634** | (LM44 - €102.49 x 2) = **€204.98** |
| 1989 | 1993 | (€1,120 x 5) **€5,600** | (LM44 - €102.49 x 5) = **€512.45** |
| 1994 | 1998 | (€1,534 x 5) **€7,670** | (LM44 - €102.49 x 5) = **€512.45** |
| 1999 | 2003 | (€2,102 x 5) **€10,510** | (LM44 - €102.49 x 5) = **€512.45** |
| 2004 | 2008 | (€2,880 x 5) **€14,400** | (LM44 - €102.49 x 5) = **€512.45** |
| 2009 | 2013 | (€3,945 x 5) **€19,725** | (€185 x 5) = **€925** |
| 2014 | 2018 | (€5,405 x 5) **€27,025** | (€185 x 5) = **€925** |
| 2019 | 2020 | (€7,406 x 2) **€14,812** | (€216 x 2) = **€432** |
| 2021 | | **€8,400** | **€216** |
| | | | |
| TOTAL | | **€109,776** | **€4,752.78** |

**Decide:**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

(1) Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-intimati safejn m'humiex kompatibbli ma' din is-sentenza.

(2) Tilqa' in parte t-tieni u t-tielet talba billi tiddikjara illi l-applikazzjoni tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta kisret il-jeddijiet fundamentali tar-rikorrenti sanċiti fl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea fir-rigward tal-fond 60, Tilde, Triq Santa Monika, Ħal Tarxien għall-perjodu bejn is-sena 1987 u s-sena 2021.

(3) Tilqa' t-tielet, ir-raba' u l-ħames talba billi tiddikjara illi l-Avukat tal-Istat huwa responsabbli għall-ħlas ta' kumpens u danni sofferti mir-rikorrenti; tillikwida l-kumpens fis-somma ta' €54,000 danni pekunjarji u €1,000 danni mhux pekunjarji u tikkundanna lill-Avukat tal-Istat iħallas l-ammont hekk likwidat bl-imgħaxijiet legali tat-8% mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjeż a karigu tal-intimat Avukat tal-Istat.

Moqrija.

ONOR IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA